MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## TONIO MALLIA

Seduta ta' l-20 ta' Ottubru, 2005

Citazzjoni Numru. 655/2004

**Albert Falzon Santucci**

**vs**

**Carola Stivala, bhala mandatrici ghan-nom u fl-isem l-assenti Johanna Treytel, ta' l-Olanda**

Il-Qorti:

Rat ic-citazzjoni ppresentata mill-attur fit-30 ta' Awissu, 2004, li *in forza* taghha ecepixxa illi:

Il-konvenuta, permezz ta' att gudizzjarju fil-forma ta' ittra ufficjali pprezentata fir-Registru ta' dina l-Onorabbli Prim Awla tal-Qorti Civili fil-5 ta' Frar, 2004, ressqet pretenzjonijiet bil-miktub kontra l-attur billi ppretendiet illi ghandha xi jedd kontra tieghu u interpellatu sabiex jersaq ghall-likwidazzjoni w divizjoni tal-komunjoni tal-akkwisti li

ezistiet matul iz-zwieg bejniethom, inkluz d-dar matrimonjali li giet akkwistata matul it-tali komunjoni ta' l-akkwisti permezz tal-kuntratt fl-atti tan-Nutar Joseph Agius tal-15 ta' Settembru, 1973, u dana peress illi l-komunjoni tal-akkwisti qatt ma giet likwidata w diviza minkejja illi l-konvenuta kienet ottjeniet divorzju minn Tribunal Olandiz fl-24 ta' Jannar, 1977. (Dokument *"A"*);

L-attur, permezz ta' ittra ufficjali responsiva ppresentata fir-Registru ta' dina l-istess Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-13 ta' Frar, 2004, irrespinga bhala ghal kollox infondati fil-fatt u fid-dritt il-pretenzjonijiet kollha tal-konvenuta imressqa fil-konfront tieghu kif dedotti fil-fuq imsemmija ittra ufficjali taghha, u ddiffidaha milli timxi ulterjorment kontra tieghu bi proceduri li jkunu ghal kollox frivoli u vessatorji (Dokument *"B"*);

Il-konvenuta, minkejja illi sallum ghadha ma istitwixxiet l-ebda proceduri legali ulterjuri kontra l-attur *in segwitu* ghall-fuq imsemmija pretenzjonijiet minnha stess imressqa bil-miktub permezz tal-fuq imsemmi att gudizzjarju kontra l-attur, baqghet illi qatt ma rtirat l-istess pretenzjonijiet;

L-attur irid jehles, darba ghal dejjem u skond kif inhu intitolat bil-ligi, mill-fuq imsemmija pretenzjonijiet tal-konvenuta hekk kif imressqa kontra tieghu bil-miktub permezz tal-fuq imsemmi att gudizzjarju, liema pretenzjonijiet huma ghal kollox infondati sew fil-fatt kif ukoll fid-dritt, *oltre* illi llum huma preskritti skond il-ligi.

Talab lill-konvenuta tghid ghaliex din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex:

1. M'ghandhiex dina l-Onorabbli Qorti tipprefiggi zmien qasir u perentorju skond il-ligi sabiex il-konvenuta ggib il-quddiem b'kawza l-pretenzjonijiet kollha taghha hekk kif imressqa kontra l-attur permezz tal-ittra ufficjali tal-5 ta' Frar, 2004, (Dokument *"A"*), u dana b'riserva u minghajr l-ebda pregudizzju ghall-eccezzjonijiet kollha kompetenti lill-attur skond il-ligi fil-konfront tal-konvenuta, inkluza l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni, jekk kemm il-darba l-istess

konvenuta kellha tasal sabiex iggib l-istess pretenzjonijiet taghha l-quddiem kontra tieghu b'tali kawza; u

2. fin-nuqqas, m'ghandux jigi impedut lill-konvenuta minn dina l-istess Onorabbli Qorti milli tagixxi qatt izjed ghall-pretenzjoni fuq imsemmija fil-konfront tal-attur.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra ufficcjali tat-13 ta' Frar, 2004, kontra l-konvenuta li minn issa stess hija ngjunta li tidher ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuta li *in forza* taghha ecepiet illi:

1. Preliminarjament l-irregolarita tal-proceduri odjerni *stante* li l-eccipjenti hija assenti u bintha Carola Stivala mhiex il-legittima rappresentanti taghha u m'ghandha ebda mandat biex tirrapresentaha fi proceduri gudizzjarji. Ghaldaqstant l-istess Carola Stivala ghandha tigi liberata mill-osservanza fil-kwalita premessa taghha bl-ispejjez.

2. Preliminarjament l-inammissibilita tal-azzjoni odjerna fil-konfront tal-konvenuta assenti *a terminu* tal-artikolu 415 tal-Kodici tal-Organizzazzjoni u tal-Procedura Civili (Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta) *stante* li l-ittra ufficjali premessa fic-citazzjoni ma gietx ippresentata *entro* tlett xhur mid-data ta' presentata tac-citazzjoni.

3. Fil-mertu li it-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt *stante* li ma jinkorrux l-elementi mehtiega bil-ligi sabiex tigi interposta l-azzjoni odjerna fil-konfront tal-eccipjenti.

4. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri li jistghu jigu imressqa mill-kuraturi nominandi.

5. Bl-ispejjez.

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-partijiet;

Rat id-digrieti ta' din il-Qorti;

Rat l-affidavit imressaq mill-attur;

Rat l-atti tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Rat in-noti tal-osservazzjonijiet tal-partijiet;

Rat li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza fuq it-tieni eccezzjoni sollevata mill-konvenuta;

Ikkunsidrat;

Illi jirrizulta li l-attur kien, fid-29 ta' Gunju, 1971, izzewweg lil Johanna Treytel, li ghandha cittadinanza olandiza. Dan iz-zwieg gie mhassar b'digriet ta' divorzju moghti mill-Qorti Regjonali ta' Rotterdam fl-24 ta' Jannar, 1977. Dan id-digriet ta' divorzju gie debitament insinwat fir-Registru Pubbliku fil-11 ta' Awissu, 1977. Minn dan iz-zwieg, il-partijiet kellhom tifla, il-konvenuta Carola Stivala.

Johanna Treytel mhiex residenti f'Malta, u milli jidher, hija residenti fl-Olanda. Fil-5 ta' Frar, 2004, it-tifla Carola Stivala bhala mandatorja ta' ommha, ippresentat ittra ufficcjali kontra l-attur, fejn talbet il-likwidazzjoni u d-divizzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti allura ezistenti bejniethom. L-attur wiegeb ghall-din l-interpellazzjoni b'ittra ufficcjali tat-13 ta' Frar, 2004.

Fit-30 ta' Awissu, 2004, l-attur fetah din il-procedura, komunement maghrufa bhala kawza ta' jattanza, fejn qed jitlob li l-Qorti tipprefiggi terminu fuq l-ex-mara tieghu biex din ggib il-quddiem b'kawza l-pretenzjonijiet kollha taghha, u fin-nuqqas li jigi mpost fuqha is-silenzju perpetwu *in konnessjoni* mal-istess pretensjonijiet.

Il-konvenuta qed tiddefendi ruhha b'diversi eccezzjonijiet, fosthom dik ta' dekadenza tal-azzjoni *a tenur* tal-artikolu 415 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Dan l-artikolu jipprovdi hekk:

*"415. L-azzjoni ta' jattanza ma tistax issir kontra persuni assenti u din lanqas ma tista' ssir jew titkompla kontra minuri jew persuna ohra inkapaci li joqoghdu f'kawza.*

*Izda d-disposizzjonijiet ta' dan l-artikolu ma ghandhomx japplikaw ghar-rigward ta' kull mim matul it-tliet xhur li jigu minnufih qabel ma tkun saret l-azzjoni ta' jattanza, ikun jew personalment jew permezz ta' mandatarju pprezenta att gudizzjarju fejn ivvanta l-pretensjoni tieghu".*

Il-proviso ghal dan l-artikolu kien gie introdott fil-ligi wara s-sentenza moghtija fit-2 ta' Marzu, 1992, mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fil-kawza "Il-Prim Ministru vs Peralta noe", li kienet qalet li ma tistax tinfetah kawza ta' jattanza kontra persuna assenti minn Malta; il-fatt li dik il-persuna kellha mandatarju jew rappresentant hawn Malta, ma jaghmilx lil dik il-persuna *"presenti"* f'Malta.

Bis-sahha tal-proviso, il-posizzjoni tbiddlet. Jekk persuna assenti tressaq pretensjoni tramite mandatarju, min ikun intimat f'dik il-pretensjoni vantata, jista' jgib 'l quddiem kawza ta' jattanza, basta li l-millantazzjoni tkun saret matul it-tlett xhur li jigu minnufih qabel ma tkun saret l-azzjoni ta' jattanza. F'dan il-kaz, jirrizulta li l-azzjoni saret wara it-tlett xhur mid-data tal-millantazzjoni. L-ittra ufficcjali, fil-fatt, giet ippresentata fil-5 ta' Frar, 2004, waqt li din il-kawza infethet aktar minn sitt xhur wara, precisament fit-30 ta' Awissu, 2004. *Kwindi*, il-proviso ghall-artikolu 415 mhux applikabbli, peress li l-allegata pretensjoni ma saretx matul it-tlett xhur qabel il-ftuh ta' din il-kawza, u r-regola applikabbli hi, allura, kif esposta fl-ewwel parti tal-artikolu imsemmi li, kif intwera, tipprojbixxi azzjoni ta' jattanza kontra persuna assenti, kif inhu l-konvenuta, f'dan il-kaz.

Il-Qorti ma taqbilx li l-kelma *"assenti"* ghandha tinghata it-tifsira moghti lill-istitut ta' assenti kontemplat fl-artikolu 193 *et seq* tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta. Dak l-istitut jirregola cirkustanzi partikolari, u jipprovdi ghal-hatra ta' kuraturi ta' persuni li taghhom ma jkunx hemm ahbar fuq istanza tal-eredi prezuntivi tal-assenti. Fil-kaz ta' jattanza, il-ligi mhux qed tittratta l-istess persuni, izda qed tirreferi

ghal-milantazzjoni min persuna mhux residenti Malta. Din kienet l-interpretazzjoni moghtija lill-kelma mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fil-kawza “Il-Prim Ministru vs Peralta noe”, aktar qabel riferita.

Id-direttivi tal-Unjoni Ewropea invokati mill-attur ma japplikawx ghal-kaz *in ezami*, u dana peress li procedura ta’ jattanza kontra persuni mhux residenti hawn Malta mhux eskluz li ssir, izda tali procedura trid tinbeda fi zmien tlett xhur mid-data tal-milantazzjoni. Il-fatt li persuna hija cittadin tal-Unjoni Ewropea, ma jaghmilhiex *“presenti”* f’Malta ghal-fini tal-artikolu *in kwistjoni*, u jekk mhux presenti f’dawn il-gzejjer xorta tibqa *“assenti”* ghal-iskop tal-applikazzjoni tal-artikolu 415 tal-Kap. 12. Il-fatt li persuna, cittadin tal-Unjoni Ewropea, tista’ tiftah kawza hawn Malta u tista tinfetah kawza kontra taghha, bin-notifika issir anke fir-residenza taghha, li tista tkun barra minn Malta, ma jfissirx li dik il-persuna mhix wahda *“assenti”*, u li, *kwindi*, ma japplikawx fil-konfront taghha il-provedimenti tal-artikolu 415.

Mhux eskluz fl-Unjoni Ewropea, li pajjiz membru jipprovdi b’mod differenti ghar-residenti u ghall-assenti, dment li tali differenzi ma jkunux iwasslu ghal-piz eccessiv fuq l-assenti li jezercita d-drittijiet tieghu f’kull stat membru. F’dan il-kaz, anzi, il-ligi taghti certi vantaggi lill-min mhux residenti f’Malta, minghajr *pero’*, ma ittellef lil min ikun milantat li debitament iressaq l-ilmenti tieghu quddiem il-Qrati. Ir-regoli generali tal-Unjoni Ewropea jipprojbixxi diskriminazzjoni fuq bazi ta’ nazzjonalita’, jew fuq bazi ta’ *“sex, racial or ethnic origin, religion or belief, disability, age or sexual orientatation”* (artikolu 13 tat-Trattat ta’ Amsterdam), izda ma jipprojbixxux *a priori* regoli differenti *a bazi* ta’ residenza.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-kawza, billi tilqa’ t-tieni eccezzjoni tal-konvenuta u tichad it-talbiet tal-attur.

L-ispejjez tal-kawza jithallsu kollha mill-attur.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------